MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 12/2012

**Epifanio Azzopardi (ID Nru 51936 M) u Vincent Mizzi (ID Nru 463953 M)**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Epifanio Azzopardi u Vincent Mizzi datat 6 ta' Jannar 2012 a fol. 1 tal-process fejn esponew: -

Illi permezz ta' decizjoni datata 19 ta' Dicembru 2011, il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar kien iddispona mill-appell ta' appellanti billi iddecieda s-segwenti:

"*Ghal dawn ir-ragunijiet dan il-Bord jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` u jiddikjara l-appell irritu u null u li huwa m'ghandux gurisdizzjoni jisma' appell kif intavolat".*

Illi l-appellanti hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u konsegwentement qed jinterponi umili appell;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

L-appellanti huma sidien ta' parti sostanzjali ta' propjeta` li tinsab fi Triq Amleto Spiteri, Qormi;

Qabel is-sena 1988 dan is-sit kien meqjus bhala zona ghall-izvilupp u bini ta' *'terraced houses'*. Fil-fatt l-appellanti kienu akkwistaw din il-propjeta` bhala propjeta` li tista' tigi zviluppata;

Izda fl-Iskemi Temporanji *(Temporary Schemes)* li saru fis-sena 1988, din l-istess zona kienet soggetta ghal ezercizzju ta' ri-pjanar intenzjonat sabiex il-passagg tal-ilma tax-xita li jghaddi gewwa Qormi Valley jigi facilitat. B'konsegwenza ta' dan l-ezercizzju saru xi xoghlijiet li kienu necessarji sabiex tigi milhuqa l-intenzjoni msemmija. Sahansitra waqt li kienu qeghdin isiru dawn ix-xoghlijiet giet espropprijata mill-Gvern parti mill-art propjeta` tal-appellanti sabiex tigi mwessa' il-*'watercourse'* gewwa Qormi Valley, ghal liema art l-appellanti ghadhom ma rcevew l-ebda kompensazzjoni;

Minn meta saru dawn il-miljoramenti z-zona koncernata ma ghadhiex suxxettibbli ghal gharghar kif kienet qabel ma saru x-xoghlijiet. Ghaldaqstant iz-zona ma kellhiex ghalfejn tibqa' tigi klassifikata bhala *'public open area'* bhalma kienet fit-*'Temporary Scheme'* u fil-fatt ma kien hemm l-ebda indikazzjoni f'dan is-sens fil-*'Central Malta Local Plan';*

Illi s-sit koncernat jinsab fuq livell aktar gholi min-naha opposta tal-wied (Triq Pawlu Farrugia), izda minkejja dan il-fatt, gew mahruga permessi ghal bini fuq propjeta` li

ghandha faccata fuq Triq Pawlu Farrugia mentri dik tal-esponenti giet dikjarata bhala formanti parti mill-wied.

*In oltre*` dik il-parti tal-wied li ghandha faccata fuq Triq Pawlu Farrugia, u cioe` dik li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti, giet konfermata bhala *'developable'* fil-*Local Plan'* permezz ta' *'Policy QO08'* u dana minkejja l-fatt illi dina n-naha tal-wied, peress illi hija minn tal-anqas erba' piedi aktar 'l isfel mill-propjeta` tal-esponenti, hija iktar suxxettibbli ghal gharghar miz-zona fejn tinsab il-propjeta` tal-appellanti;

*Nonostante* dan kollu, il-propjeta` tal-appellanti giet identifikata fis- *'Central Malta Local Plan'* bhala formanti parti mill-*'watercourse'* gewwa Qormi Valley. Din il-konkluzjoni hija erronea fl-ewwel lok minhabba l-livell gholi tal-art meta komparat mal-parti tal-wied li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti, u fit-tieni lok minhabba li l-inkluzjoni tas-sit (li ghandha konfigurazzjoni triangulari) bhala parti mill-*'watercourse'* ser tejoritikament twessa' b'mod inesplikabbli l-istess *'watercourse'* b'cirka 25 metru biex din terga' tidjieq fit-tarf tas-sit tal-appellanti, filwaqt li jekk is-sit tal-appellanti ma jigix inkluz fil-*'watercourse'*, l-istess *'watercourse'* tkun tista' tibqa' niezla dritta fid-direzzjoni taghha minghajr ma titwessa' jew tidjieq fl-ebda punt. B'dan il-mod, meta l-*'watercourse'* tejoritikament titwessa' improvvisament b'cirka 25 metru u immedjatament terga' tidjieq, ser tinholoq problema ta' *'bottleneck'*, liema problema zgur li ghandha tigi evitata.

Illi effettivament is-sit koncernat jinsab fuq livell aktar gholi min-naha tal-wied li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti (u li ghandha faccata fuq Triq Pawlu Farrugia) li fil-fatt hija aktar suxxettibbli ghal gharghar miz-zona fejn tinsab il-propjeta` tal-appellanti. Is-sit in kwestjoni jinsab f'livell ta' mill-anqas ghaxar (10) piedi iktar gholi mill-'watercourse', u mill-anqas erba' (4) piedi iktar gholi minn Triq Pawlu Farrugia li tinsab fuq in-naha tal-wied li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti. Minkejja dan il-fatt, filwaqt li fir-rigward tan-naha tal-wied li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti sahansitra gew mahruga permessi ghal bini li ghandu faccata fuq Triq Pawlu Farrugia (kif jidher

recentement minn PA6781/01), min-naha l-ohra is-sit tal-appellanti gie inkluz bhala parti mill-*'watercourse'*;

Illi s-sit in kwestjoni huwa soggett ghall-PA 2276/02 fejn l-appellant Epifanio Azzopardi gie awtorizzat jibni *'boundary wall'* fuq is-sit in kwistjoni;

Illi l-appellanti interponew appell mid-decizjoni tal-awtorita` appellata li permezz taghha l-propjeta` tal-appellanti giet identifikata bhala formanti parti mill-'*watercourse'* gewwa Qormi Valley;

Illi fid-19 ta' Dicembru 2011 inghatat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar li minnha qed jigi interpost dana l-appell;

Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkosistu fis-segwenti:

1. **<u>Nullita` tal-appell interpost quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar</u>**

Illi umilment jigi rilevat illi ma tezisti ebda cirkostanza li tiggustifika d-decizjoni li l-appell interpost huwa null u konsegwentement id-decizjoni appellata tikkostitwixxi applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi;

L-appellanti jibdew billi jissottmettu illi huwa principju stabbilit mill-Qrati taghna illi fejn huwa koncernat il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar *l-eccezzjonijiet li jirrigwardaw in-nullita` tal-atti m'ghandhomx jintlaqghu facilment izda ghandhom jintlaqghu biss jekk ikunu jissusistu cirkostanzi gravi bhalma jissemmew per ezempju fl-**artikolu 789 tal-Kap. 12**. Jekk dan il-principju jorbot lill-Qrati ordinarji, l-istess pricipju ghandu jkun aktar u aktar applikabbli quddiem tribunali amministrattivi bhalma huwa l-Bord. Dawn it-tribunali twaqqfu appuntu espressament bhala tribunali specjalizzati, intizi biex jipprovdu gustizzja sostanzjali, bi speditezza u b'wisq anqas formalita` u rigorozita` mill-Qrati ordinarji.* (Ara f'dan is-sens is-segwenti decizjonijiet: **<u>Calleja Michelle et vs Kummissjoni Kontroll Zvilupp et</u>** deciza mill-Qorti tal-

Appell fit-30/01/2004; u **Zarb Joseph et vs Awtorita` tal-Ippjanar** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8/6/2001);

Sottomess dan, fil-kaz odjern ma tissussisti ebda cirkostanza fl-appell interpost li jiggustifika l-eccezzjoni tan-nullita` imressqa mill-appellati.

Kif inhu risaput in-nullita` u l-irritwalita` huma zewg kuncetti separati u diversi fil-ligi li ghandhom bazi totalment distinta.

Fil-kaz tan-nullita` dina tissussisti meta tkun iddikjarata mil-ligi espressament, jew meta xi att jinhareg minn qorti mhux kompetenti, jew meta fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi liema vjolazzjoni iggib lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat, jew fl-ahharnett meta att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi (**art. 789 tal-Kap. 12**). Hija biss f'dawn il-kazijiet li tissussiti in-nullita` *u dan juri illi n-nullita` hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi ttolerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali* (Ara fost l-ohrjan **Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri** deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1997; u **Guido J. Vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D.** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 1991).

Fl-appell odjern ma tussisti ebda cirkostanza li tiggustifika l-eccezzjoni tan-nullita` u ghaldaqstant ghandha tigi respinta.

2. **L-irritwalita` tal-appell interpost quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar**

Illi d-decizjoni appellata ddikjarat illi l-appell interpost quddiem il-Bord kien irritu *stante* li dak il-Bord ma ghandux gurisdizzjoni jisma appell kif interpost liema decizjoni, fl-umili opinjoni tal-appellanti, hija ukoll inkorretta u tikkostitwixxi applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi;

L-appellati qeghdin jissottomettu illi l-appell odjern huwa irritwali *stante* li, fl-opinjoni taghhom, dana huwa appell minn decizjoni ta' "development policy" u b'konsegwenza l-appell ma setax jigi interpost.

Dwar dan ghandu jigi preliminarjament rilevat illi d-dritt ta' appell kontemplat fl-**artikolu 15 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa moghti lil kull persuna li thossha aggravata minn decizjoni tal-Awtorita`.

Issa skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna appell minn decizjoni ta' *"development policy"* ma jistax jigi interpost ghaliex jezorbita mill-kompetenza tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar;

Ma hi qed issir ebda kontestazzjoni ghal dina l-iskorta izda ghandu jinghad illi l-limitazzjoni stabbilita minn dina l-gurisprudenza kienet ghal "*development policy"* u cioe` gie eskluz il-possibilita` ta' appell minn decizjoni ta' "development policy".

Il-konsegwenza hi illi appell jista' jsir minn kull decizjoni ohra mehuda mill-appellati, cioe` kull decizjoni li mhiex wahda li tirrigwarda *"development policy".*

Ghal klarifika jinghad illi dina l-gurisprudenza ma tghidx illi appell lil Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar huwa biss permessibbli f'kaz ta' decizjoni ta' "*development control"* izda tghid li ma huwiex permessibbli appell minn decizjoni ta' *"development policy".*

Fl-opinjoni tal-appellati, mhux kondiviza mill-appellanti, kull decizjoni tal-MEPA tista` tigi klassifikata taht wahda jew l-ohra, cioe` jew wahda ta' "control" jew wahda ta' "policy".

Dan mhux minnu kif jirrizulta mill-kaz odjern.

L-appellanti ma humiex qed jappellaw mill-kontenut ta' xi *policy* relatat mal-widien u cioe` dik il-*policy* li tirregola l-izvilupp fl-inhawi ta' "watercourse".

Dan jinghad peress li f'ebda mument ma giet imressqa xi lanjanza dwar ir-regoli kontenuti fil-Local Plan ghal Hal Qormi.

Lanqas ma huma l-appellanti jinterponu xi appell minn decizjoni tal-MEPA dwar regoli ta' "control".

Dak li qed jissottomettu l-appellanti huwa li meta l-propjeta` giet 'kulurita bil-blu' fil-Pjanta 'QOM1' b'konsegwenza li l-art taghhom giet indikata bhala "watercourse area" dina kienet decizjoni zbaljata.

Dana jinghad ghaliex l-art tal-esponenti qatt ma kienet u wisq anqas setghet tkun parti mill-"watercourse" tal-wied ta' Hal Qormi.

Il-"policy" li tirregola l-bini fil- "watercourse areas" hija 'CG30' li dwar il-kontenut taghha mhu qed jigi interpost ebda appell.

L-appell huwa limitatament interpost ghall-inkluzjoni tal-art tal-esponenti bhala formanti parti mill-wied ta' Hal Qormi u dana minhabba li din l-inkluzjoni hija erroneja u nfondata minhabba li kif diga' gie spjegat fl-esposizzjoni tal-fatti, is-sit tal-appellanti jinsab fuq livell aktar gholi min-naha tal-wied li tigi faccata tal-propjeta` tal-esponenti li effettivament hija ferm aktar suxxettibbli ghal gharghar miz-zona fejn tinsab il-propjeta` tal-esponenti.

Illi l-inkluzjoni tas-sit, propjeta` tal-appellanti, bhala formanti parti mill-'watercourse' ma tirrispekkjax l-iskop ta' 'watercourse' li jservi propju bhala passagg minn fejn ikun jista' jghaddi l-ilma tax-xita, u dana *stante* li effettivament huwa mpossibbli li z-zona fejn jinsab is-sit in kwestjoni teghreq jew isservi bhala passagg ghall-ilma minhabba li dan is-sit jinsab f'livell ferm iktar gholi mill-'watercourse', (kif inghad fil-paragrafu ezatt qabel dan).

*In oltre*, tenut kont tal-konfigurazzjoni taz-zona partikolarment id-dizlivell kif spjegat aktar 'il fuq, sabiex tavvera ruhha din l-eventwalita`remota ta' gharghar fiz-

zona fejn tinsab il-propjeta` tal-appellanti, qabel tkun trid teghreq kompletament il-parti opposta (cioe` fejn tinsab Triq Pawlu Farrugia) u dan minhabba r-raguni ovvja li dik il-parti opposta tinsab f'livell iktar baxx min-naha fejn jinsab is-sit tal-appellanti. Precizament, din is-sitwazzjoni tista' biss tavvera ruhha jekk wara li l-ewwel ikun ghereq kompletament il-wied, l-ilma jibqa' tiela` ghal madwar sitt (6) piedi sabiex tintlahaq in-naha tal-wied faccata tal-propjeta` tal-esponenti u li ghandha faccata fuq Triq Pawlu Farrugia, biex b'hekk iz-zona tat-Triq Pawlu Farrugia teghreq kompletament ukoll, u il-livell tal-ilma jibqa' tiela ghal madwar erba' (4) piedi iktar 'il fuq biex b'hekk is-sit tal-appellanti jkun jista' jigi effettwat.

Ghaldaqstant huwa ferm difficli li wiehed jifhem ir-raguni ghalfejn in-naha tal-wied li tinsab faccata tal-propejta` tal-esponenti u li hija iktar suxxettibbli ghal gharghar, ma gietx inkluza bhala parti mill-'watercourse' filwaqt li s-sit propjeta` tal-appellanti gie nkluz bhala formanti parti mill-istess 'watercourse' minkejja l-fatt li dan is-sit jinsab fuq livell iktar gholi li difficilment, jew impossibbli, li jista' jservi b'xi mod sabiex jintlahaq l-iskop tal-'watercourse';

*In oltre* l-inkluzjoni ta' din l-art propjeta` tal-appellanti in effetti tammonta ghal esproprijazzjoni, li pero` ma hijiex awtorizzata u permissibbli *stante* li ma gietx legalment esproprijata skont il-procedura apposita u stipulata mil-ligi;

Fil-fatt huwa dana l-att ekwivalenti ghall-esproprijazzjoni, cioe` inkluzjoni tas-sit bhala parti mill-'watercourse', li qed tigi opposta mill-appellanti u li allura qeghdin jappellaw minnha, u dana minghajr ma wiehed jidhol fil-kwestjoni ta' xi "policy".

F'dan ir-rigward l-appellanti jissottomettu illi *stante* li l-kwestjoni odjerna ma hijiex wahda koncernanti xi "policy" izda tikkoncerna d-deskrizzjoni zbaljata tas-sit tal-appellanti, certament din il-kwestjoni kienet sindakabbli mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u konsegwentement fil-gurisdizzjoni tal-istess Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar;

Ghaldaqstant l-appellanti, filwaqt li jirriservaw li jaghmlu dawk is-sottomissjonijiet ulterjuri fit-trattazzjoni tal-appell odjern u jaghmlu riferenza ghall-atti processwali tal-kaz, ghar-ragunijiet esposti l-appellanti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fl-ismijiet **Epifanio Azzopardi u Vincent Mizzi vs l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (Appell Numru: 218/06) moghtija mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar fid-19 ta’ Dicembru 2011 u dana billi jigu akkolti l-aggravji fuq esposti u konsegwentement tiddikajara illi l-appell interpost mill-appellanti quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ma huwiex null, tiddikjara illi l-appell interpost mill-appellanti quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ma huwiex irritwali u li konsegwentement il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ghandhu gurisdizzjoni jisma u jittratta l-appell interpost mill-appellanti u tordna li l-atti jigu rinvjati lura lill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar sabiex jigi trattat l-appell tal-appellanti skont il-Ligi;

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u ta’ dawk quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar kontra l-Awtorita` appellata.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal ta’ Rivizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta’ Frar 2012 a fol 8 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **“Epifanio Azzopardi u Vincent Mizzi vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-Bord.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambejnt u l-Ippjanar datata 9 ta’ Mejju 2012 a fol. 11 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament jinghad illi l-appell interpost mill-appellanta huwa insostenibbli legalment peress illi *ai termini* tal-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta** appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni

ghall-Ambjent u l-Ippjanar jista jsir biss fuq punti ta' Ligi decizi mit-Tribunal (Vide **Zaren Camilleri vs Awtorita` ta' l-Ippjanar** - 28 ta' Frar 1997 - Qorti ta' l-Appell).

2. Illi fil-fatt bil-qima jinghad li fil-kawza **Delicata vs Awtorita ta' l-Ippjanar,** fejn l-appellant kien qieghed prattikament jirribadixxi testwalment il-punti li huwa kien qajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u li kienu ta' natura teknika - bhala ma hu il-kaz odjern - din l-Onorabbli Qorti li qalet hija m'ghandha ebda setgha u gurisdizzjoni tiddeciedi fuq punti bhal dawn *"billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt".* Illi dan kollu qed jinghad *stante* illi fl-appell odjern, minkejja illi l-aggravji tal-appellant ghandhom is-sembjanza ta' argumenti imsejsa fuq punt ta' dritt, dawn l-istess aggravji effettivament jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti tidhol fl-ezercizzju illi tiddeciedi hi stess il-mertu tal-kaz in kwistjoni; liema ezercizzju jezorbita mill-gurisdizzjoni ta' dan l-istess Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta' Dicembru 2012 mertu ta' dana l-appell hija gusta w ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha u m'hemm ebda lok li tigi disturbata bl-ebda mod la fattwalment u lanqas legalment.

4. Illi fil-meritu l-aggravji kollha mressqa mill-appellant huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* peress illi:

Illi jibda billi jinghad illi l-appell interpost mill-appellant quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien jirrigwarda appell minn decizjoni ta' *development policy.* F'dan ir-rigward jigi sottomess illi huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza nostrana illi appell minn decizjoni ta'

*development policy* ma jistax jigi interpost stante illi jezorbita mill-kompetenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi ghaldaqstant l-Bord korrettament ikkonkluda illi:-

*Dan il-Bord ghandu gurisdizzjoni jisma' appelli skond l-* ***artikolu 15 tal-Kap. 356.***

*Illi fl-imsemmi Artikolu u fid-dispozizzjonijiet l-ohra tal-Att ma hemm ebda rimedju quddiem dan il-Bord minn decizjonijiet tal-Awtorita' dwar l-Ippjanar ta' Zvilupp.*

*Illi l-appell tal-appellant huwa bl-aktar mod car appell minn decizjoni dwar ippjanar ta' zvilupp u mhux kontroll ta' zvilupp.*
*Illi l-appellant ma indika ebda dispozizzjoni ohra li taghti gurisdizzjoni lil dan il-Bord fuq materji ta' ppjanar ta' zvilupp bhal ma hija decizjoni dwar Pjan Lokali.*

*Illi huwa pacifiku illi tali materja ta' ppjanar ta' zvilupp tohrog mill-gurisprudenza ta' dan il-Bord.*

*Ghalhekk dan il-Bord m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan l-appell.*

Illi hija konsegwenza naturali illi, jekk appell jigi interpost quddiem organu gudizzjarju illi m'ghandux il-kompetenza u l-gurisdizzjoni illi jiehu konjizzjoni ta' tali appell, l-istess appell jigi iddikjarat null u insostenibbli. Ghaldaqstant, kontrarjament ghal dak illi qed jigi sottomess mill-appellant, n-nuqqas ta' gurisidizzjoni tal-Bord illi jiehu konjizzjoni tal-appell interpost mill-appellant tikkwalifika bhala cirkostanza illi tiggustifika l-eccezzjoni tan-nullita' mressqa mill-appellati.

Illi in oltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi in vista tal-fatt illi '*l-appellant ma indika ebda dispozizzjoni ohra li taghti gurisdizzjoni illi dan il-Bord fuq materji ta' ppjanar ta' zvilupp bhal ma hija decizjoni dwar Pjan Lokali*' l-appellant ma jistax issa taht il-kappa tal-aggravju rigwardanti *l-irritwalita' tal-appell interpost*

*quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar,* jressaq ezposizzjoni fattwali tal-kaz in kwistjoni bit-tir illi jattaka l-interpretazzjoni tal-*policies* relevanti illi ghamlet l-Awtorita' appellata sabiex wasslet ghad-decizjoni taghha illi l-propjeta' tal-appellant tinsab *f'watercourse area.* Issir ukoll referenza ghall-principju bazilari illi din il-Qorti ikkonfermat f'diversi sentenzi taghha, u cioe' il-principju illi l-interpretazzjoni tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar huwa kompitu illi jinsab esklussivament fil-mansjoni tal-esercizzju tal-poteri tal-organi tal-Awtorita' tal-Ippjanar (liema organi ghandhom l-obbligu illi jinterpretaw l-istess ligijiet fid-dawl tal-iskop illi ghalih gew promulgati *ossia* l-harsien tal-ambjent ta' madwarna) u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (*vide* **Dr. Alfred Grech vs. Awtorita' tal-Ippjanar** - sentenza tal-31 ta' Mejju 1996 - Appell Nru. 93/94) u **Angela Farrugia vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar** *(decizjoni tal-24 ta'April 1996).*

GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima titolb illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrent bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Reuben Farrugia ghall-appellanti, u Dr. Noel Bartolo ghall-awtorita` appellata u Ivor Robinich ghall-istess. Deher ukoll Epifanio Azzopardi. Dr. Reuben Farrugia li ta ruhu b'notifikat bir-risposta tal-appell. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa kompetenti sabiex jiddeciedi

l-appell interpost mill-appellanti fis-sens li meta giet inkluza l-art taghhom fil-pjanta bhala parti mill-*valley water course* fid-*Draft Local Plan* dan kien zbaljat ghar-ragunijiet indikati fl-appell ta' appellant quddiem il-Bord fid-19 ta' Awissu 2002. Allura meta l-Bord iddecieda li din hija materja ta' ppjanar ta' l-izvilupp u mhux kontroll ta' l-izvilupp, u b'hekk barra mill-gurisdizzjoni tal-Bord, tali decizjoni hija zbaljata ghaliex il-Bord ghandu l-komptenza li jiddeciedi dwar l-istess.

Din il-Qorti rat id-decizjoni tal-Bord u l-**artikolu 15 (1) tal-Kap. 356** u thoss li l-kompetenza tal-Bord hija limitata skont l-**artikolu 15 (1) (a)** ghal decizjonijiet ta' kontroll ta' zvilupp inkluz it-twettiq ta' zvilupp u ghal punti ta' appell indikati fl-artikoli appositi ndikati fl-**artikolu 15 (b) u (d) tal-Kap. 356** u dak li qed jappellaw minnu l-appellanti ma' huwiex punt ta' kontroll ta' zvilupp izda ppjanar ta' zvilupp u allura jesorbita l-kompetenza ta' l-istess Bord u allura jekk dan huwa l-kaz, ma hemmx appell fuq dan il-punt quddiem il-Bord u wisq inqas quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti thoss li l-insenjamenti fis-sentenzi **"Joseph Pavia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 23 ta' April 2001) u **"Helen Pavia vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. – 31 ta' Jannar 2001) japplikaw ghal kaz in ezami ghaliex dak li minnu l-appellant qed jilmenta mhux kwistjoni ta' kontroll ta' zvilupp, izda ppjanar ta' zvilupp.

Jigi precisat li l-appell odjern lanqas jaqa' taht l-ebda wahda mid-disposizzjonijiet indikati fl-**artikoli 15 (1) (b) sa (d) tal-Kap. 356** u fil-fatt l-appellant fl-ebda stadju tal-procedura ma' indika l-ebda subartikolu specifiku li fuqhu qed jibbaza l-appell tieghu, la darba jirrizulta li din ma hijiex kwistjoni appellabbli quddiem il-Bord skont dak provdut fl-**artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 356** ghar-ragunijiet hawn indikati.

Mela allura din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' appellata datata 9 ta' Mejju 2009, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Epifanio Azzopardi et fir-rikors tal-appell datat 6 ta' Jannar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet "Epifanio Azzopardi et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (PAB 218/06RT) datata 19 ta' Dicembru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Epifanio Azzopardi et.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------